32003L0007

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2003/7/KE

ta' l-24 ta' Jannar 2003

li temenda l-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' *canthaxanthin* f'għalf skond id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE

(Test b'relevanza għall-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 dwar addittivi ma' għalf [1], kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1756/2002 [2], u partikolarment l-Artikolu 9r tagħha,

Billi:

(1) Skond id-Direttiva 70/524/KEE l-addittiv *canthaxanthin* huwa awtorizzat b'ċerti kondizzjonijiet.

(2) Fl-1997 il-Kumitat Xjentifiku fuq l-Ikel (KXI) stabbilixxa li t-teħid aċċettabbli kuljum (TAK) tal-*canthaxanthin* għall-bniedem jista' jiġi stabbilit sa 0.03 mg/kg tal-piż tal-ġisem.

(3) Fl-isfond tar-reviżjoni tal-KXI tat-TAK, il-Kumitat Xjentifiku fuq in-Nutriment ta' l-Annimali (KXNA) irreveda l-livelli ta' *canthaxanthin* fl-għalf għas-salmonidi, kapuċelli u tiġieġ tal-bajd biex jiżgura sigurtà għall-konsumatur. KXNA iddikjara li s-sigurtà tal-konsumatur tkun assigurata billi jiġu stabbiliti l-ogħla konċentrazzjonijiet ta' *canthaxanthin* ta' 25 mg/kg ta' għalf għal salmonidi u kapuċelli u ta' 8 mg/kg ta' għalf għat-tiġieġ tal-bajd.

(4) L-awtorizzazzjonijiet preżenti ta' *canthaxanthin* jinħtieġu jiġu emendati biex jipprovdu protezzjoni akbar għal saħħet il-konsumaturi.

(5) Il-miżuri li hemm provdut dwarhom f'din id-Direttiva huma skond il-fehma tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina Alimentari u Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Il-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' *canthaxanthin* (E 161g) f'għalf huma emendati skond in-noti fl-Anness ta' din id-Direttiva.

L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru 2003. Għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni dwarhom.

Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Diċembru 2003.

Meta Stati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkollhom riferenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom din ir-riferenza mal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura biex issir din ir-riferenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet fil-liġijiet nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fl-24 ta' Jannar 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 270, 14.12.70, p. 1.
[2] ĠU L 265, 03.10.02, p. 1.

L-ANNESS

KE Nru	Additttiv	Formula kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' annimali	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					mg/kg ta' għalf komplut			
Koloranti inklużi żebgħa								
1. Karotenojdi u *xanthophylls*								
E 161 g	Canthaxanthin	$C_{40}H_{52}O_2$	Tjur oħra eskluži t-tiġieġ tal-bajd	—	—	25	It-taħlita ta' *canthaxanthin* ma' karotenojdi u *xanthophylls* oħra hija permessa iżda l-konċentrazzjoni totali tat-taħlita mgħandhiex tkun aktar minn 80 mg/kg ta' l-għalf komplut	Mingħajr limitu ta' żmien
			Tiġieġ tal-bajd			8	It-taħlita ta' *canthaxanthin* ma' karotenojdi u *xanthophylls* oħra hija permessa iżda l-konċentrazzjoni totali tat-taħlita mgħandhiex tkun aktar minn 80 mg/kg ta' l-għalf komplut	Mingħajr limitu ta' żmien
			Salamun, trota	—	—	25	L-użu permess mill-età ta' sitt xhur 'il quddiem. It-taħlita ta' *canthaxanthin* ma' l-*astha-xanthin* hija permessa iżda l-konċentraz-zjoni totali tat-taħlita mgħandhiex tkun aktar minn 100 mg/kg ta' l-għalf komplut	Mingħajr limitu ta' żmien
			Klieb, qtates u ħut orna-mentali	—	—	—	—	Mingħajr limitu ta' żmien
	3. Żebgħa awtorizzata għall-kulur ta' oġġetti ta' l-ikel skond regoli tal-Komunità, eskluż il-Privattiv blu V, Aċidu aħdar ileqq BS, u *Cantha-xanthin*	—	L-ispeċi jew kategoriji ta' annimali eskluži l- klieb u l-qtates	—	—	—	Permessi f'għalf għall-annimali biss fi prodotti proċessati minn: (i) Prodotti ta' fdal ta' għalf, jew (ii) sustanzi bażiċi oħra, bl-eċċezzjoni ta' ċereali u tqieq *manioc*, imħalltin ma' din iż-żebgħa u kkuluriti waqt il-preparazzjoni teknika biex jiżguraw l-għarfien meħtieġ waqt il-manifattura	Mingħajr limitu ta' żmien
			Klieb	—	—	—		Mingħajr limitu ta' żmien
			Qtates	—	—	—		Mingħajr limitu ta' żmien

KE Nru	Additttiv	Formula kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' annimali	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					mg/kg ta' għalf komplut			
	3.1. *Canthaxanthin* awtorizzat għall-kulur ta' l-għalf mir-regoli tal-Komunità		L-ispeċi jew kategoriji kollha ta' annimali oħra eskluži tajr, salamun, troti, klieb u qtates Mingħajr limitu ta' żmien	—	—	—	Permessi f'għalf għall-annimali biss fi prodotti proċessati minn: (i) prodotti minn fdal ta' oġġetti ta' l-ikel, jew (ii) sustanzi bażiċi oħra, bl-eċċezzjoni ta' ċereali u tqieq *manioc*, imħallatin ma' dik iż-żebgħa jew ikkuluriti waqt il-preparazzjoni teknika biex jiżguraw l-għarfien meħtieġ waqt il-manifattura	Mingħajr limitu ta' żmien
			Klieb	—	—	—	—	—
			Qtates	—	—	—	—	—
			Tjur oħra eskluži t-tiġieġ tal-bajd tiġieġ, salamun, troti Mingħajr limitu ta' żmien			25	Permessi f'għalf għall-annimali biss fi prodotti proċessati minn: (i) prodotti mill-fdal ta'oġġetti ta' l-ikel, jew (ii) sustanzi bażiċi oħra, bl-eċċezzjoni ta' ċereali u tqieq *manioc*, imħalltin ma' dik iż-żebgħa jew ikkuluriti waqt il-preparazzjoni teknika biex jiżguraw l-għarfien meħtieġ waqt il-manifattura	Mingħajr limitu ta' żmien
			Tiġieġ tal-bajd			8	Permess f'għalf għall-annimali biss fi prodotti proċessati minn: (i) prodotti mill-fdal mill-għalf, jew (ii) sustanzi bażiċi oħra, bl-eċċezzjoni ta' ċereali u tqieq *manioc*, imħalltin ma' dik iż-żebgħa jew ikkuluriti waqt il-preparazzjoni teknika biex jiżguraw l-għarfien meħtieġ waqt il-manifattura	Mingħajr limitu ta' żmien